Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

---

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 7 – It-Tlieta 10 ta' Dicembru 2024 fin-12:30 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar – It-Tlieta 10 ta' Dicembru 2024 fin-12:30 ta' wara nofsinhar.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**7.1 Talba**

7.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

7.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**7.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

7.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

**7.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi fakkar lill-kunsilliera fl-istedina li l-Kunsill għandu llejla għall-quddiesa tal-Festa tal-Madonna ta' Loretu fis-6:00pm.

**7.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

7.5.1 L-ebda kunsillier ma' kellu kommunikazzjoni x'jgħaddi.

7.9.3 Il-Kunsill ħa vot fuq din id-deċizzjoni u qabel unanimament li f'dawn iċ-ċirkustanzi u minħabba l-fatt li l-permessi imsemmija huma llinkjati flimkien, il-Vot tal-Kunsill għandu jkun dak ta' Favur. Dan kien ibbażat fuq numru ta' konsiderazzjonijiet fosthom:

- Il-bini storiku bħad-daħla tal-Forti, id-Dar it-Tabib, in-Naval Bakery, il-Barrakka tal-Kavallieri u ż-żona Polverista se jiġu restawrati;
- Il-fatt li permezz ta' dan l-iżvilupp jidher li finalment se jibda jsir xi forma ta' intervent jew azzjoni sabiex parti mis-swar li jinsab f'periklu imminenti li jaqa jiġi salvat u rrestawrat;
- Il-konsorzju sa' mill-bidu nett offra li l-Kunsill Lokali t'Għajnsielem ikun involvut fl-użu tal-foss bħala spazju miftuħ u fil-preżent għaddejin diskussjonijiet sabiex parti minn dan l-ispazju ikun speċifikament għal tfal bi' bżonnijiet speċjali;
- L-investiment f'faċilitajiet turistiċi huwa ta' benefiċċju għal Għajnsielem;
- Għaddejin ukoll diskussjonijiet posittivi mal-konsorzju dwar l-immaniġjar ta' l-iskart li fil-preżent hija ta' problema għal mod kif qed jinġabar;
- Il-fatt li Forti Chambray ilu aktar minn 20 sena fi stat ta' kostruzzjoni, l-Kunsill ħass li finalment, bit-tlestija tat-tielet fażi ta' Forti Chambray, dan is-sit ikun lest u miftuħ għal pubbliku kif dejjem kien l-obbligu. Fil-preżent, il-poplu t'Għajnsielem mhu jgawdi xejn minn dan il-post storiku.

7.9.4 Minkejja r-riservi, l-Kunsill se jimxi wkoll mar-rakkomandazzjoni tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali dwar l-aħjar mod kif għanda ssir ir-rilokazzjoni u r-rikostruzzjoni tal-barracks tal-Ingliżi.

7.9.5 Sar qbil li s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber għandha tirrappreżenta lill-Kunsill f'dan il-Bord u tgħaddi wkoll lil bord dawn il-punti:

- Għandu xorta jissemma il-fatt li l-Kunsill għandu ir-riservi tiegħu dwar il-barracks tal-Ingliżi minkejja li huwa favur il-proġett b'mod ingenerali.
- Għandu jkun hemm xi tip ta' kundizzjoni li s-swar jiġu restawrati kif meħtieg għaliex il-garanzija finanzjarja weħeda jista jkun li mhix biżżejed
- Il-Kunsill għandu jitlob li fi żvilupp bħal dan, għanda issir jkun hemm 'planning gain' xierqa li tmur lura lejn il-komunita' ta' Ghajnsielem li ilu għaddej b'din is-saga għal diversi snin.
- Il-Kunsill jixtieq ukoll jaċċenna li f'din il-fortizza għandu jkun post adekwat li jkun iddedikat bħala spazzju pubbliku għall-istorja ta' Chambray.

**7.10 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

7.10.1 Ġiet approvata skeda numru 138 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**7.11 Materji oħra**

7.11.1 Sar qbil li kif maqbul f'laqgħat preċedenti għandna fil-bidu tas-sena l-ġdida noħorġu l-offerta tat-tindif tal-latrina ta' Triq J F De Chambray.

**7.12 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-13:45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2025 fl-4:00pm.

***Kevin Cauchi***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***